**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2008**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IT-TIENI SENA** **STORJA** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

**Isem: ________________________** **Klassi: _______________**

**1. Qabbel iż-żewġ kolonni billi tikteb in-numri fil-kaxxa. L-ewwel waħda ngħatat bħala eżempju.** ***(1 x 10 = 10 marki)***

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | San Girgor | | raħal żgħir fil-Medjuevu |
| 2. | Palazzo Falzon | | akkużat bit-tixrid tal-Luteraniżmu |
| 3. | Ħal Bajjada | | attakk kbir tat-Tuneżini fuq Malta |
| 4. | Kastell fil-ponta tal-Birgu | | industrija tal-piraterija |
| 5. | Dun Indri Axiaq | | mill-familja Hohenstaufen tal-Ġermanja |
| 6. | L-Isqof Giliberto | | Żminijiet tan-Nofs |
| 7. | 1429 | | magħruf bħala d-Dar Normanna |
| 8. | Is-Sibi | | fejn kien joqgħod il-Kastellan |
| 9. | Fratellanzi | **1** | knisja medjevali |
| 10. | Federiku II | | għamel ċensiment |
| 11. | Medjuevu | | għaqdiet tan-nies ta' snajja' |

**2. Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.** ***(Total: 15-il marka)***

*Fil-Medjuevu ir-re kien jinqeda bis-sistema fewdali biex biha jmexxi l-artijiet fis-saltna tiegħu. Din is-sistema kienet mifruxa ħafna fl-Ewropa. Is-sultan kien jagħżel u jaħtar nies ħbieb tiegħu u li jista' jafdahom biex jaraw li l-liġijiet tiegħu jiġu obduti. Bħala kumpens in-nies kellhom jagħtuhom sehem mill-frott tar-raba' li jaħdmu kif ukoll xi drittijiet fewdali oħra. Jekk ma jobdux is-sultan kien juża' l-kavallieri tiegħu biex jerġa' jġib id-dixxiplina u l-ordni.*

2.1 X'kienu jissejħu n-nies li jieħdu ħsieb l-art f'isem is-sultan?

_______________________________________________________ ***(marka)***

2.2 Kif kienet tissejjaħ l-art taħt il-ħarsien ta' dawn in-nies?

_______________________________________________________ ***(marka)***

2.3 Semmi **tliet** prodotti tal-biedja li kienu jitkabbru fil-gżejjer Maltin fil-Medjuevu.

_______________ _______________ _______________ ***(3 marki)***

2.4 Semmi **tliet** snajja' tal-Maltin fil-Medjuevu.

_______________ _______________ _______________ ***(3 marki)***

2.5 Xi problema kellha l-biedja f'Malta f'dawk iż-żminijiet?

_______________________________________________________ ***(marka)***

2.6 Ikteb kif il-patrijiet li ġew Malta fil-Medjuevu għenu l-edukazzjoni.

_______________________________________________________

_______________________________________________________ ***(2 marki)***

2.7 Minbarra l-knisja ta' San Girgor li ssemmiet fl-ewwel eżerċizzju, semmi **żewġ** knejjes medjevali oħra li għadhom jeżistu sal-lum.

________________________ ________________________ ***(2 marki)***

2.8 Semmi mod ta' kif kienu mżejna xi knejjes fil-Medjuevu.

__________________________________________________________________ ***(marka)***

2.9 Semmi dmir fewdali li kienu obbligati jagħmlu n-nies tar-raba'.

__________________________________________________________________ ***(marka)***

## 3. <u>Fuq karta separata ikteb paragrafu fuq TLIETA minn dawn it-temi</u>.

***(5 x 3 = 15-il marka)***

3.1 L-importanza tal-Lhud f'Malta fil-Medjuevu.
3.2 Il-gżejjer Maltin taħt il-ħakma ta' Federiku II.
3.3 Il-biżgħat fil-ħajja tal-Maltin fil-Medjuevu.
3.4 L-istorja folkloristika tal-"ħobż u l-ġbejniet".

## 4. <u>Qabbel iż-żewġ kolonni billi tikteb in-numri fil-kaxxa</u>. <u>L-ewwel waħda ngħatat bħala eżempju</u>.

***(1 x 10= 10 marki)***

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Karlu V | | fortizza fuq il-ponta ta' Xebb ir-Ras |
| 2. | San Mikiel | | viċi re ta' Sqallija |
| 3. | Sant'Iermu | | eroj ta' l-Assedju |
| 4. | Don Garzia Toledo | | l-Ordni tibda toqgħod fil-Birgu |
| 5. | Piali Paxà | | mexxej Tork kontra l-Kruċjati |
| 6. | Sulejman | | attakk tal-furbani fl-1551 |
| 7. | Luqa Briffa | | sultan Ottoman |
| 8. | L'Isle Adam | | fortizza fil-Birgu |
| 9. | Dragut | | ammiral tal-Flotta Torka waqt l-Assedju |
| 10. | Saladin | **1** | ta l-gżejjer Maltin lill-Kavallieri |
| 11. | Sant'Anġlu | | fortizza fl-Isla |

## 5. <u>Ħares lejn l-istampa u wieġeb</u>.

***(Total: 15-il marka)***



5.1 Dan huwa l-magħruf Leonardo da Vinci. Semmi **żewġ** affarijiet li għalihom baqa' magħruf dan il-bniedem.

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________ ***(2 marki)***

5.2. F'liema pajjiż jingħad li beda r-Rinaxximent u minn hemm inxtered fl-Ewropa?

____________________________________ ***(marka)***

5.3 Semmi **żewġ** opri artistiċi li għamel l-iskultur tar-Rinaxximent Mikelanġelo.

______________________________ ______________________________ ***(2 marki)***

5.4 Liema invenzjoni għamel Gutenberg fl-1445?

____________________________________ ***(marka)***

5.5 Semmi **żewġ** konsegwenzi ta' din l-invenzjoni.

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________ ***(2 marki)***

5.6 X'konsegwenza ġabet magħha l-invenzjoni tal-kumpass u mapep aktar dettaljati lejn tmiem is-seklu 15?

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________ ***(2 marki)***

5.7 Liema huma ż-żewġ lingwi klassiċi li reġgħu ħadu spinta 'l quddiem fl-Ewropa fir-Rinaxximent?

______________________________ ______________________________ ***(2 marki)***

5.8 Liema bażilika importanti kienet qiegħda tinbena u tissebbaħ f'Ruma f'dak iż-żmien?

____________________________________ ***(marka)***

5.9 Għaliex jibqa' magħruf Ernando Kortes?

_________________________________________________________________ ***(2 marki)***

## 6. <u>Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.</u> ***(15-il marka)***




6.1 Jean Calvin (Kalvinu) kien wieħed mir-Riformaturi tal-knisja. Minn liema belt illum fl-Isvizzera kien ixandar ir-riformi tiegħu?

________________________________ ***(marka)***

6.2 X'wera Martinu Luteru meta ħaraq l-ordni li kien bagħatlu l-Papa?

________________________________________

________________________________________

________________________________ ***(2 marki)***

6.3 X'tifhem bil-kelma 'ereżija'?

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________ ***(2 marki)***

6.4 Semmi **żewġ** affarijiet li saħqet fuqhom il-Knisja Kattolika fil-Konċilju ta' Trentu.

_________________________________________________________________

_________________________________________________________________ ***(2 marki)***

6.5 Għaliex ir-reliġjon li waqqaf Luteru tissejjaħ 'il-Protestantiżmu'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

6.6 Għaliex twaqqaf l-Ordni tal-Ġiżwiti?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

6.7 Liema qaddis kien il-fundatur ta' dan l-Ordni?

______________________________________________________________ *(marka)*

6.8 F'liema pajjiż beda u nxtered it-tagħlim ta' Luteru?

______________________________________________________________ *(marka)*

6.9 Semmi konsegwenza negattiva tat-tixrid tal-Protestantiżmu fl-Ewropa.

______________________________________________________________ *(marka)*

6.10 Liema sultan daħħal il-Protestantiżmu fl-Ingilterra?

______________________________________________________________ *(marka)*

## 7. <u>Ikteb fit-tul dwar WIEĦED minn dawn it-temi</u>. (Total: 20 marka)

7.1 Kif kienu mmexxija l-gżejjer Maltin fi żmien l-Aragoniżi.

7.2 L-Assedju l-Kbir ta' l-1565 kien avveniment kbir fl-istorja ta' l-Ordni ta' San Ġwann u ta' Malta. Ikteb dwar il-ġrajjiet prinċipali ta' l-Assedju u spjega x'kienet l-importanza tar-rebħa fuq it-Torok.

7.3 Is-sejba ta' artijiet ġodda fir-Rinaxximent kellha effett kbir fuq in-nies ta' l-Ewropa. Ikteb dwar l-importanza ta' dawn is-sejbiet fil-ħajja ta' l-Ewropej ta' dawk iż-żminijiet.